# KONTROLL FL-UŻU TAN-NITRAT TA' L-AMMONJA: TAGĦRIF GĦAL PRODUTTURI PRIMARJI

## Sistema ġdida ta' regolamenti dwar l-għoti ta' liċenzji

Ammonium nitrate (nitrat ta' l-ammonja) jista' jintuża biex minnu jsir materjal esplussiv u dan għandu passat li hu marbut ma' attivitajiet terroristiċi. Fil-25 ta' Ġunju 2004, il-Gvernijiet ta' l-istati kollha fl-Awstralja, bl-għan li jintlaħaq l-iskop ta' sigurtà għal pajjiz kollu, qablu li jimplimentaw strateġija nazzjonali billi jwaqqfu għal kollox l-aċċess għall-ammonium nitrate, dak li hu kklassifikat bħala perikoluż għas-sigurtà nazzjonali (security sensitive ammonium nitrate, fil-qosor SSAN) bl-eċċezzjoni li jitħalla aċċess lil persuni li għandhom awtorizzazzjoni apposta.

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim, bdiet sistema ġdida ta' regolamenti għal kull Stat u Territorju fl-Awstralja dwar l-użu u l-mod kif jiġi maħżun u ttrasportat l-SSAN.
Din is-sistema li toħroġ il-liċenzji ser tiżgura li l-SSAN ikun aċċessibbli biss għal persuni li kapaċi jaħżnu u jimmaniġġjaw tajjeb l-SSAN b'mod li jkun fiż-żgur u mingħajr periklu.

## Liema materjal qed jiġi rregolat?

L-SSAN jinkludi ammonium nitrate (jiġifieri mija fil-mija, ammonium nitrate pur), ammonium nitrate emulsions u taħlit ta' ammonium nitrate li fihom <u>aktar minn 45%</u> ammonium nitrate, iżda jeskludu soluzzjonijiet u splussivi Class 1.
Dawn jinkludu kimiċi bħal calcium ammonium nitrate u oġġetti perikolużi bin-numri tal-UN1942, 2067, 2068, 2069, 2070, 2071, 2072, 3375 u 3139 fejn hu applikabbli. Fertilizer li jkun fih aktar minn 45% ta' ammonium nitrate se jkun għalhekk suġġett għar-regolamenti ġodda.
Ara t-tabella ta' hawn taħt:

**Fertilizzar tal-SSAN**
Tabella 1. Ammonium Nitrate (AN)
Tabella 2. Calcium Ammonium Nitrate (CAN)
Tabella 3. Taħlitiet li fihom AN and CAN

**Tabella 1**

| Taħlitiet ta' Ammonium Nitrate | |
|---|---|
| **L-isem tal-Grow Force** | **Perċentaġġ AN** |
| Nitra Force 601 | 55 |
| Nitra Force 605 | 65 |
| Nitra Force 606 | 60 |
| Nitra Force 608 | 60 |
| Nitra Force 609 | 63 |
| Nitra Force 615 | 65 |
| Nitra Force 616 | 60 |
| Nitra Force 620 | 60 |
| Nitra Force 635 | 53 |
| Nitra Force 640 | 60 |
| Nitra Force 641 | 60 |
| Nitra Force 642 | 50 |
| Nitra Force 643 | 59 |
| Nitra Force 654 | 65 |
| Nitra Force 17-0-21 | 50 |
| Nitra Force 19-1-8 | 55 |
| Nitra Force 19-8-10 | 46 |
| Nitra Force 20-0-15+Mg | 59 |
| Nitra Force 20-0-16-7 | 60 |
| Nitra Force 20-0-20 | 60 |
| Nitra Force 21-3-15 | 55 |
| Nitra Force 22-3-8 | 61 |
| Nitra Force 22-3-14 | 60 |
| Nitra Force 23-6-5 | 50 |
| Nitra Force 27-9-0 | 54 |

**Tabella 2**

| L-isem ta' l-Incitec Pivot | Perċentaġġ AN |
|---|---|
| Accelerator | 50 |
| Aftergraze | 61 |
| Aftermow | 61 |
| Anchor Plus | 51 |
| Bumpabunch | 60 |
| Greengraze | 50 |
| Hortram K | 59 |
| Hortram K (Fe) | 57 |
| Nitram 135 | 53 |
| Nitram 140 | 60 |
| Nitram 140(S) | 60 |
| Nitram 150 | 55 |
| Nitram 160 | 63 |
| Nitram 50/50 | 60 |
| Nitram 50/50(S) | 60 |
| Nitram 700 | 65 |
| Nitram Hi-N Ratooner | 60 |
| Nitram Hi-P Ratooner | 50 |
| Nitram K | 65 |
| Nitram K(S) | 65 |
| Nitram Ratooner | 65 |
| Nitram SOP | 65 |
| Prodress | 55 |
| Speed | 54 |
| Swift | 46 |

**Tabella 3**

| Taħlitiet tal-Calcium Ammonium Nitrate | |
|---|---|
| **L-isem ta' l-Incitec Pivot** | **Perċentaġġ AN** |
| Cal-Am 135 | 64 |
| Cal-Am 140 | 50 |
| Cal-Am 150 | 48 |
| Cal-Am 50/50 | 52 |
| Cal-Am K(S) | 52 |
| Cal-Am Nitra K | 59 |
| Cal-Am Nitra King | 59 |
| Green 1 | 45 |
| Green 2 | 54 |
| Green 3 | 68 |
| Green 4 | 55 |
| Green 5 | 52 |
| Nitrogreen M 20 | 54 |
| Nitrogreen M 20(S) | 45 |
| Nitrogreen M 35 | 60 |
| Nitrogreen M 40 | 52 |
| Nitrogreen M 40(S) | 48 |
| Nitrogreen M 50 | 48 |
| Nitrogreen M 50/50 | 52 |
| Nitrogreen M K(S) | 52 |
| Taħlitiet biss li fihom aktar minn 56% CAN, ekwivelenti għal 45%, huma mnizzel hawn. | |

Dawn il-listi, li mhumiex konklussivi, jinkludu informazzjoni pprovduta mill-Fertilizer Industry Federation of Australia (FIFA) bil-għajnuna ta' Incitec Pivot Limited, Grow Force, Hi-Fert u Summitt, flimkien ma xi kumpaniji oħrajn żgħar.

**Għaliex l-użu ta' l-SSAN ma jiġix projbit għal kollox?**

L-industrija tal-minjieri tiddependi mill-użu ta' l-ammonium nitrate, u jekk dan jiġi pprojbit għal kollox, din ma kinetx ser tkun miżura realistika. Filwaqt li l-gvernijiet kienu qiesu din il-projbizzjoni ta' l-ammonium nitrate għall-użu agrikolu, il-biċċa l-kbira tal-gvernijiet iddeċidew li kienet tkun miżura aktar ġusta u bilanċjata jekk l-użu ta' l-ammonium nitrate jitħalla jintuża minn persuni ġenwini li ma kienux ta' periklu għas-sigurtà tal-pajjiż u li kienu kapaċi jaħżnu u jittrasportawh fiż-żgur u mingħajr periklu.

**Nota: Mill-ewwel ta' Lulju 2005, ġewwa t-Tasmanja, l-użu ta' l-SSAN ser ikun projbit.**

**Hemm fertilizer ieħor li l-użu tiegħu ser ikun irregolat?**

Is-sistema ta' regolamenti dwar l-użu ta' l-SSAN huwa l-ewwel pass f'reviżjoni komprensiva dwar materjal perikoluż li fil-preżent il-gvernijiet kollha fl-Awstralja qed jaħdmu fuqha. Inkluż fir-reviżjoni qed jigi studjat l-użu ta' kimiċi oħra, aġenti bijoloġiċi u materjal radjoloġiku. Permezz ta' dir-reviżjoni, jista' jiġi identifikat xi materjal ieħor li wkoll għandu jkun suġġett għal dawn ir-regolamenti tal-gvern.

**Min ser ikollu bżonn liċenzja sabiex ikollu aċċess għall-SSAN?**

Kull stat u territorju fl-Awstralja ser iħaddem il-ġurisdizzjoni tiegħu b'impenn li jdaħħal sistema ta' regolamenti ġodda għall-ħruġ ta' liċenzji li tappplika għall-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-mod kif jinħażen, kif jiġi ttrasportat, il-bejgħ, il-forniment, ix-xiri, il-ksib, l-użu u r-rimi ta' skart tal-SSAN.

Il-liċenzja tinħareġ biss lil dawk li:

- Jagħtu prova li għandhom bżonn ġenwin li jużaw l-SSAN
- Li ser jittrasportaw u jaħżnu l-SSAN b'mod żgur u bla periklu (ikun hemm bżonn li jressqu pjan tal-postijiet fejn ser ikun maħzun l-SSAN)
- Ikunu persuni li dwarhom m'hemmx suspett ta' sigurtà (l-applikanti kollha ikun hemm bżonn li jaċċettaw li ssirilhom kondotta tal-pulizja u ta' l-ASIO).

Mhux bil-fors li se tkun meħtieġ li jkollok liċenzja apposta għal kull attività tiegħek rigward l-SSAN. Jistgħu jinħarġu liċenzji li jkopru aktar minn attività waħda u għalhekk għandek tieħu parir mill-awtorità regolatorja fl-Istat jew Territorju fejn toqgħod, fejn għandek tagħti d-dettalji ta' l-attivitajiet li għalihom int ser tkun responsabbli (ara aktar 'l isfel).

Jekk jeħtiglek aċċess għall-SSAN f'aktar minn Stat jew Territorju wieħed, ikollok bżonn tikseb liċenzja separata minn dak l-Istat jew Territorju.

**Għaliex lil dawk li jużaw l-SSAN ser ikun hemm bżonn li ssirilhom kondotta tal-pulizija u ċċekkjar tas-sigurtà (tal-ASIO)?**

Jeħtieġ li l-Gvernijiet ikunu żgurati li min juża l-SSAN mhuwiex ta' periklu lin-nazzjon. Kondotti tal-pulizija u l-ASIO mhumiex xi ħaġa rari, anzi huma parti minn rutina normali biex persuna tkun konfermata bħala ta' kondotta tajba għal xi skop partikulari.

**Ikolli dritt għal appell jekk neħel fil-kondotta tajba tiegħi dwar is-sigurtà?**

Iva, kull min jirċievi notizzja ta' kondotta ħażina jew li tiskwalifikah, jiġi mgħarraf bir-raġunijiet u jkollu d-dritt li jappella lil-Administrative Appeals Tribunal (tribunal amminstrattiv li jisma' l-appelli).

**Kif nagħmel biex nikseb liċenzja?**

L-applikazzjonijiet għal liċenzja jintbagħtu u jinħarġu mill-awtorità regolatorja tal-liċenzji, u li jinsabu f'kull Stat jew Territorju fl-Awstralja. Biex tkun taf fejn jinstabu dawn l-awtoritajiet, ara t-tabella ta' hawn taħt:

**Awtoritajiet Regolatorji**

| |
|---|
| **NSW** WorkCover Assistance Service<br>Ċempel: 131 050<br>Email: contact@workcover.nsw.gov.au |
| **VIC** Dangerous Goods Unit WorkSafe Victoria<br>Ċempel: 03 9641 1555<br>Email: info@workcover.vic.gov.au |
| **QLD** Chief Inspector of Explosives<br>Department of Natural Resources and Mines<br>Ċempel: 07 32371386<br>Fax: 07 32354395<br>Email explosives@nrm.qld.gov.au<br>Website: nrm.qld.gov.au/mines/explosives |
| **WA** Safety and Health Division<br>Department of Industry and Resources<br>Ċentru telefoniku ċempel: 08 9222 3413<br>Ċentru telefoniku numru tal-fax: 08 9222 3525<br>Email: edg@doir.wa.gov.au |

| |
|---|
| **SA** Workplace Services<br>Department for Administrative and Information Services<br>Servizzi Informatiċi: 1300 365 255<br>Telefon tar-Reception: 08 8303 0400<br>Fax tar-Reception: 08 8303 0423<br>Website: www.Eric.sa.gov.au |
| **TAS** Helpline<br>Workplace Standards Tasmania<br>PO Box 56<br>Rosny Park TAS 7018<br>Ċempel: 1300 366 322 (rata lokali)<br>Ċempel: 03 6233 7657 (barra mit-Tasmania)<br>Fax: 03 6233 8338<br>Website: www.wst.tas.gov.au |
| **NT** NTWorkSafe<br>Ċempel: 1800 019 115<br>Email: ntworksafe.deet@nt.gov.au<br>Website: www.worksafe.nt.gov.au |
| **ACT** ACT WorkCover<br>Dangerous Substances, Gas & Plant Unit<br>PO Box 224<br>CIVIC SQUARE ACT 2608<br>Ċempel: 02 6205 0200<br>Fax: 02 6205 0336<br>Email: workcover@act.gov.au |

**Nota: Servizz ta' interpritu u traduzzjoni jew pariri dwar il-proviżjon ta' dawn is-servizzi jinkisbu mill-awtorità regolatorja fil-ġuridizzjoni ta' kull Stat jew Territorju.**

**Meta se tibda taħdem is-sistema l-ġdida ta' liċenzjar?**
Is-sistema l-ġdida ta' ħruġ ta' liċenzji digà bdiet tinħadem ġewwa Queensland u dalwaqt ser tibda wkoll f'kull Stat u Territorju fl-Awstralja. Id-dati tentattivi meta l-applikazzjonijiet jistgħu jintbgħatu fl-iStati u Territorji huma dawn:

| | |
|---|---|
| NT | Novembru 2004 |
| ACT | April 2005 |
| VIC | Lulju 2005 |
| WA | Awissu 2005 |
| NSW | Lulju 2005 |
| SA | F'nofs is-sena 2005 |
| TAS | Gunju 2005 (għal liċenzji minbarra użu fil-biedja) |

**Kemm ser tkun tiswa l-liċenzja?**
Il-ħlas u l-perjodu ta' kemm il-liċenzja tkun valida ser ivarjaw minn Stat għall-ieħor. Int għandek tiċċekkja ma' l-awtorità regolatorja li tgħodd għalik.

**X'għandi niehu miegħi meta napplika għall-liċenzja?**

Kull applikazjoni għal liċenzja dwar aċċess għall-SSAN, irid ikollha magħha pjan ta' sigurtà (security plan) li trid tiġi approvata mill-awtorità regolatorja. Il-pjan ta' sigurtà trid tipprovdi lill-awtorità regolatorja tagħrif dwar kif int ser tiżgura li ser toqgħod għall-kondizzjonijiet mitluba ta' sigurtà. <u>L-anqas kondizzjoni għas-sigurtà</u>, mitluba għal liċenzja, tvarja skond l-użu li għaliha int tkun qed tapplika (ngħidu aħna, għal użu fil- biedja, trasport, ħażna eċċ.).

Il-pjan ta' sigurtà ser ikollha tlett punti prinċipali:

1. L-immaniġġjar ta' l-impjegati (fejn kull persuna fuq il-post fejn hemm aċċess għall-SSAN tiġi mniżżla f'lista)
2. Is-sigurtà fil-post (ikunu rrekordjati d-dettalji dwar is-sigurtà tal-facilitajiet fejn ikun maħżun l-SSAN); u
3. Il-proċeduri (dwar kontroll ta' l-aċċess fejn ikun maħżun l-SSAN, żamma ta' rekords u proċeduri għaż-żamma ta' inventarju.

**Għal dawk li jużaw l-SSAN**: L-anqas kondizzjonijiet mitluba għas-sigurtà huma:

- L-SSAN irid ikun maħżun f'post jew kontenitur maqful jonkella jkun mgħasses kontinwament
- Irid ikun hemm proċeduri li jikkontrollaw l-aċċess tal-post fejn ikun maħżun
- L-SSAN jiġi ttrasportat matul il-vjaġġ kollu taħt is-sorveljanza kontinwa ta' persuna awtorizzata
- Irid ikun hemm proċeduri biex jiċċekkjaw u jawtorizzaw lill-persuni li għandhom aċċess għall-SSAN mingħajr sorveljanza, u l-proċeduri jridu jinkludu:
  - Jinnominaw persuna responsabbli (ġeneralment il-persuna bil-liċenzja) li twettaq il-pjan tas-sigurtà
  - Jiżguraw li persuni li għandhom aċċess għall-SSAN bla sorveljanza ssirilhom kondotta tal-pulizja u ta' l-ASIO ; u
  - Ikun hemm istruzzjonijiet għall-ħaddiema dwar il-pjan ta' sigurtà

- Jinżamm rekord ta' l-SSAN kollu li jinxtara jew jintuża, u jkun hemm proċeduri biex jirrikonċiljaw il-kwantitajiet ta' SSAN li jidħol jew joħroġ; u

- Proċeduri fejn jiġi rrapportat lill-awtoritajiet telf bla spjegazjoni fil-kwantitajiet ta' SSAN, ta' serq, attentat ta' serq jew kull inċident li jolqot is-sigurtà ta' l-SSAN.

**Nota**: L-anqas kondizzjonijiet mitluba fis-sigurtà tal-mod kif jiġi maħżun jew ittrasportat l-SSAN minn persuni li ma jużawx l-SSAN jistgħu jvarjaw.
Jekk jogħgbok, hu parir mill-awtorità regolatorja biex tikseb aktar informazzjoni.

**X'għandi nagħmel jekk għandi propjetà fi jew bejn Stati jew Territorji differenti ?**
L-applikant għal liċenzja li għandu propjetà fi jew bejn fruntieri ta' Stati jew Territorji differenti, għandu l-ewwelnett japplika għal liċenzja fl-Istat jew Territorju fejn l-izjed li jkollu maħżun l-SSAN. Meta l-applikant jissottometti l-applikazzjoni, l-awtorità regolatorja tavzah jekk għandux bżonn jikkuntattja awtoritajiet oħra. Jekk ikollok bżonn tikseb liċenzja addizzjonali, il-liċenzja li tinħareġ fl-Istat jew Territorju primarju tiegħek jiġi ikkunsidrat sabiex jitnaqqsu l-ispejjes.

**Għal aktar informazzjoni**
Dwar id-deċizjoni tal-gvernijiet fil-25 ta' Gunju 2005 biex jirregolaw l-aċċess għal ammonium nitrate, ara dan il-website
**http://www.coag.gov.au/meetings/250604/index.htm**

Għal materjal ta' gwida u informazzjoni dwar it-trasport, il-ħażna, l-użu agrikolu u l-ippustjar ta' faċilitajiet ġodda għall-ħażna tal-SSAN, jekk jogħġbok ara l-website nazzjonali dwar is-sigurtà ta' l-SSAN.
**www.nationalsecurity.gov.au u segwi l-links.**